TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 416/10

**Raymond Farrugia**

**vs**

**Bonnici Stores Ltd.**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mitt ewro (300), rappreżentanti prezz ta' *generator* li wara ġimgħa kellu diversi ħsarat li ma setgħux jissewwew u l-istess intimat ma riedx isewwi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *generator* u wara ftit żmien beda jkollu l-ħsara, tant li ma baqax jintuża.

L-intimat issottometta illi l-ħsarat ġew riżultat ta' użu ħażin da parti ta' l-attur.

It-Tribunal spezzjona wkoll ir-ritratti li ġew preżentati u jinnotta li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u dan minħabba l-fatt li ma ġiex infurmat eżatt x'tip ta' żejt irid jieħu u ma ġiex spjegat lilu tajjeb l-użu tiegħu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), b'dan illi l-*generator* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888